MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2004

Appell Kriminali Numru. 1/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur C. Pullicino)**
**(Spettur Robert Gregory)**
**Vs**
**Mohamed Elbozidi**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli fl-1 ta' Marzu 2003 ghall-habta tas-1.30 a.m. fi Triq Santu Wistin, f'Paceville, San Giljan:
1) Ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom flus, dokumenti w mobile phone, liema serq huwa kkwalifikat bi vjolenza, bil-hin u bil-valur li jiskorri il-mitt lira izda mhux l-elf lira Maltija ghad-dannu ta' Olesya Tokareva;
2) U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, w barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lil hati,

arresta, zamm jew issekwestra lil xi persuna w cioe' lil Olesya Tokareva kontra l-volonta' taghha;
3) U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, fil-hin li huwa kien qed jaghmel delitt kontra persuna, kellu fil-pussess tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari w cioe' strument li jaqta' w bil-ponta;
4) U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer zamm u garr strument li jaqta' w bil-ponta minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
5) U aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula;
6) U aktar talli kiser il-provediment tal-artikolu 9 tal-Kap. 152 imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Mag. Dr. Noel Cuschieri tat-12 ta' Frar, 2002;
7) U fl-ahhar nett talli kkommetta diversi reati/delitti li ghalihom hemm piena ta' prigunerija fil-perjodu operattiv tas-sentenzi sospizi, liema sentenzi huma definittivi w ma jistghux jigu mhassra, moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Mag. Dr. A. Mizzi LL.D datata 10 t'Ottubru, 2002 u Mag. Dr. J. Padovani LL.D datata 6 ta' Jannar, 2003.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-29 ta' Dicembru, 2003, li biha, wara li rat l-Artikoli 261, 262, 270, 277, 274, 275, 276, 86 tal-Kap. 9 u l-Artikolu 13 tal-Kap. 66, l-Artikoli 49, 50 tal-Kap. 9 (vide fol-67 –69; 73, 77 sentenzi esebiti), kif ukoll l-Artikolu 17 tal-kap. 9 u l-Artikolu 28A u 28B tal-Kap. 9 sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu barra l-aggravju ta' l-ammont ikkundannatu ghal sentejn habs li minnhom ghandu jitnaqqas l-arrest preventiv u inoltre wara li rat l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 u kkunsidrat li hu gja kien kiser sentenza sospiza ohra per Magistrat Dr. A. Mizzi tal-10 t'Ottubru, 2002, imposta fuqu minn dik il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza tas-6 ta' Jannar, 2003, jibdew isehhu.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-9 ta' Jannar, 2004 li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata fis-sens li tirrevokaha in kwantu din

sabet lill-imputat hati ta’ l-ewwel akkuza ta’ serq aggravat bil-vjolenza, tat-tieni akkuza ta’ sekwestru ta’ persuna, tat-tielet akkuza ta’ pussess ta’ arma, tar-raba’ akkuza ta’ garr ta’ arma, b’dan li tilliberah minn tali akkuzi, u tikkonferma din is-sentenza in kwantu din sabet lill-imputat hati ta’ serq kwalifikat bil-hin, illiberatu mill-aggravju tal-valur, u sabitu hati tal-hames, is-sitt u s-seba’ akkuzi.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti w cioe’ :- 1. illi l-appellant gie kundannat li kkommetta numru ta’ reati nhar l-1 ta’ Marzu, 2003 ghall-habta ta’ xis-1.30 am meta mill-provi l-unika indikazzjoni ta’ hin tipponta wara s-2 am. kif johrog mix-xhieda tal-allegata vittma w dan hu fattur elementari li jinnewtrallizza l-akkuzi kollha. 2. li l-appellant instab hati fost affarijiet ohra li ssekwestra persuna u li garr w uza arma meta mill-provi jirrizulta xort’ ohra. 3.li l-Ewwel Qorti ddubitat mill-kedibilita’ tal-appellant ghaliex fl-interrogazzjoni mill-Pulizija l-appellant semma li mar-Russa kien hemm ragel li jafu izda li ma qalx ismu ghax beza’ li jgibu fl-inkwiet izda imbaghad viva voce iddecieda li jghid li jismu Chris minn (San Giljan), meta din kienet haga normalissima. Hu ma kellux il-liberta’ provizorja u din kienet ir-raguni li ma rrintraccjax lil dan ix-xhud u prodducieh biex jixhed.

Fliet l-atti kollha processwali ;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat ;

Illi dwar l-ewwel aggravju tal-appellant ftit hemm x’wiehed jghid . Illi kif jidher mill-istess kliem testwali tac-citazzjoni l-allegazzjoni tal-prosekuzzjoni hi li l-allegati reati gew kommessi **ghall-habta** tas-1.30 am.
Illi anki jekk hu minnu li l-vittma semmiet il-hin bhala s-2 am , dan b’ ebda mod ma jimmina jew jannulla ic-citazzjoni tal-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant ghax il-hin indikat fic-citazzjoni minnu nnifsu jidher li hu wiehed approssimattiv . Illi imbaghad ftit li xejn hemm differenza bejn il-hin indikat fic-citazzjoni u l-hin indikat mix-xhieda . Inoltre l-appellant kien jaf ben tajjeb ghall-

liema incident kien qed jigi akkuzat , tant hu hekk li hu mhux qed jikkontesta s-serqa minnu kommessa per se izda qed jikkontesta biss uhud mill-kwalifiki taghha biss u fost il-kwalifiki li qed jikkontesta ma hemmx dak tal-hin , li sija jekk is-serqa giet kommessa fis-1.30am jew wara s-2 am, xorta jibqa' jissussisti. Ezaminat f' dan il-kontest , dan l-aggravju kwazi jirrazenta l-fieragh u qed jigi respint minn din il-Qorti.

Illi l-aggravji l-ohra kollha tal-appellant fuq riassunti huma kollha bazati fuq l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor , din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti , izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha . Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha , allura din tkun raguni valida , jekk mhux addirittura mpellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**." [12.5.94; "**Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi** " [14.2.1989]; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace"** [31.5.1991] ; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**" [31.5.1991] u ohrajn .

"Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn **LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY** fil-kawza "**R. v. Cooper**" ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the*

*conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed." (Ara wkoll* ***BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE*** (1991) , p. 1392)

Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta' htija dwar l-imputazzjonijiet u l-addebiti dedotti kontra l-appellant .

Illi l-provi kontra l-appellant – apparti l-ammissjoni tas-serqa li hu ghamel mall-Pulizija – (Fol.28) huma prova diretta gejja mix-xhieda skjetta u konsistenti ta' Olesija Tokareva li spjegat fid-dettall kif gara l-incident in dizamina. L-ewwel kien ipprova jakkostaha meta kienet sejra lura id-dar waheda minn Paceville, fejn qabel kienet ma xi hbieb taghha w, meta ma tatux wicc, sejjhilha w mar warajha u qabadha mill-polz ta' idejha , tant li weggaghha w ghamillha tbengil. Hi ippruvat tnehhilu idejh u l-appellant hareg sikkina zghira mill-but tieghu w poggihielha hdejn wiccha. Hi bezghet hafna.Hi nehhiet idejha u l-appellant hadilha il-handbag iswed li kellha taht idejha w l-hin kollhu kien ser jaqalha w telaq jigri. Fil-bag hi kellha l-mobile phone LG ta' kulur abjad, il-credit card Russa u affarijiet personali taghha u xi LM15 fi flus kontanti. Dak il-hin ma kienx hemm nies fil-vicin. Hi kienet gharfet lill-appellant ghax kellu ferita fuq imniehru.

Fl-istatement tieghu fuq imsemmi , l-appellant ghalkemm stqarr li hu kien involut fis-serqa, cahad li kellu sikkina f'idu dak il-hin u jghid li kull ma ghamel kien li hatfilha l-basket u telaq jigri. Qal li dak il-hin ir-Russa kienet fil-kumpanija ta' ragel iehor.Meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti l-appellant rega' ammetta li kien seraq il-handbag u iddispjacih u ammetta li ghamel zball , pero' rega' cahad li

kien uza sikkina u li kien qabadha minn idejha . Allega li r-Russa gidbet. Dak il-hin kien hemm wiehed jismu Chris mar-Russa .Meta gie mistoqsi ghala ma kienx semma lil dan Chris qabel qal li ghamel hekk ghax beza’ w kien ghamel zball.

Fl-identification parades li saru sussegwentement il-vittma kienet gharfet lill-appellant mall-ewwel (Fols. 45 et seq.)

Saret ukoll il-prova tar-recidiva bl-identifikazzjoni tal-appellant (Fol. 65 et seq.) u li l-appellant ma kellux licenzja biex izomm u jgorr arma.

Illi ghar-rigward jekk b’dak li allegatament ghamel l-appellant meta qabad lil Tokareva minn idejha b’certa forza jikkostitwix il-kwalifika tas-sekwestru tal-persuna, l-artikolu 262 (1) (a) tal-Kap. 9 li jiddefenixxi r-reat ta’ serq kwalifikat bil-vjolenza jiddisponi li jkun hemm tali kwalifika meta s-serq isir flimkien ma omicidju , ma offiza fuq il-persuna jew **ma sekwestru tal-persuna** , ecc. bla ma jghid x’inhu s-sekwestru tal-persuna.

L-artikolu 86 tal-Kodici Kriminali mbaghad jghid li jkun hati tar-reat ta’ sekwestru ta’ persuna : “kull min, bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti , u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati , jarresta, izomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volonta’ taghha jew jaghti l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata…”

Illi l-**Professur Sir Anthony Mamo** (Notes on Criminal Law [1953 edit.] [Part. II p. 40] ) meta ikun qed jittratta l-element materjali tar-reat in kwistjoni jghid :-

*“the words “arrest” “detention” and “confinement” are not synonymous : each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty : “Il reato preveduto nell’articolo 169 (our Section 86)* ***esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o camina*** *; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quell luogo ove si trova ; si quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro.” (ROBERTI – ibid , para 323)*

*…Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in any place ; or may be detained in his own house without having been previously arrested.”*

Ghalhekk meta l-Ewwel Qorti emmnet u tat affidament lil Tokareva li l-appellant effettivament kien qabadha minn idejha u zammha , dan kien jammonta ghall-kwalifika tas-sekwestru kif kontemplata mill-ligi.

Illi din il-Qorti ezaminat bir-reqqa il-motivazzjoni tas-sentenza appellata li wasslitha biex sabet htija tal-imputazzjonijiet , kwalifiki u addebiti kollha hlief dik tal-valur, fejn l-Ewwel Qorti ikkonecediet id-dubju li seta’ kien hemm favur l-appellant, tant li lliberatu mill-kwalifika tal-valur. Din il-Qorti ma ssib xejn x’ticcensura f’ din il-motivazzjoni u l-Ewwel Qorti – li semghet u rat lil Tokareva tixhed u rat ir-rejazzjonijiet taghha, seta’ tapprezza ferm ahjar minn din il-Qorti - li qed tiddeciedi biss fuq il-karti , jekk kienetx aktar kredibbli mill-appellant Kif jiddisponi l-artikolu 638 (2) tal-Kap.9 , xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt , hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox , daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. ,

Fil-fehma ta’ din il-Qorti l-ewwel Qorti setghet legittimament tasal ghall-konkluzzjonijiet li waslet ghalihom u din il-Qorti ma tarax li hemm xi haga “unsafe and unsatisfactory” fil-konkluzzjonijiet minnha raggunti . Ghalhekk l-aggravji dwar il-mertu qed jigu respinti.

Illi finalment ma sar ebda appell dwar il-piena “ut sic” u f’ kull kaz mbaghad il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. **Ir-Repubblika ta’ Malta vs. David Vella**” [14.6.1999] , **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**” [24.4.2003] u ohrajn.)

F’dan il-kaz din il-Qorti ma tistax ma tosservax li dan ir-reat hu tipiku ta’ kazijiet ta’ kriminalita’ importata , li kull ma jmur qed isiru aktar prevalenti f’ pajjizna u fejn cittadini ta’ pajjizi ohra jabbuzaw mill-ospitalita’ li testendilhom is-socjeta’ Maltija w  - minnflok ma josservaw il-ligijiet tal-pajjiz li qed jospithom - sahansitra jinfexxu f’delitti li jimminaw l-industria turistika ta’ Malta billi jisirqu w jassaltaw turisti kbar u zghar u b’ hekk jatu isem hazin lill-pajjiz minkejja l-isforzi kollha li l-awtoritajiet ikunu qed jaghmlu biex jattiraw turisti lejn dawn il-Gzejjer. Il-Qrati ma jistghux jittraskuraw il-hsara li dawn it-tip ta’ reati jirrekaw lill-wahda mill-aktar industriji importanti tal-pajjiz u ma jistghux jittrattaw ma dawn il-kazi leggerment. Ghalhekk il-piena karcerarja inflitta mill-Ewwel Qorti – apparti milli hija sew entro l-parametri legali -, kienet altru milli gustifikata.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------